**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**ONOR. IMĦALLEF MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Ġuramentat Numru 894/2020 MS*

**Av Joseph M Sammut u l-Av Gianella Farrugia bħala mandatarji speċjali tal-Kaptan Tara Merlin Ehrlich**

**Vs.**

**Il-kuraturi deputati l-Av. Dr. Mattia Felice u l-Prokuratur Legali Silvana Vella bħala kuraturi deputati tal-bastiment bl-isem ta' Force India**

Illum, 14 ta' Frar, 2025

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-atturi nomine fil-5 t'Ottubru 2020, li permezz tiegħu wara li huma ppremettew dan li ġej:

Illi l-bastiment intimat Force India li huwa rregistrat that il- bandiera Maltija (ic-certifikat tar-registrazzjoni tal-bastiment aness u mmarkat bhala **Dok A**) huwa debitur tar-rikorrenti Kaptan fl-ammont kumplessiv ta' tletin elf, tmien mija u wieħed u tletin dollaru Amerikan u seba' u sittin centezmu (USD30,831.67) (ekwivalenti ghal seba' u għoxrin elf u tmienja u tmenin Ewro u hamsa u erbghin ċenteżmu (€27,088.45) jew somma verjuri) rapprezentanti hlas ta' paga dovuta ghax-xahar ta' Gunju elfejn u sbatax (2017) u rimbors ta' ammonti mhallsa mill-istess Kaptan ghall-biljett tal-ivvjaġġar bl-ajru li jammonta ghal-erba' mija sitta u erbgħin ewro (€446) u ghal hlas ta' akkomodazzjoni li tammonta ghal mija u tmienja u erbgħin lira Sterlina (£148) (ekwivalenti ghal mija u sebgħa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€167.87) jew somma verjuri) li skont il-kuntratt tal-impjieg ghandhom ikunu nkorsi minn min qed jimpjega u dan kif jirrizulta minn **Dok B**, flimkien ma' beneficcji varji ohra, u dan kif jirrizulta ahjar mid-dokumenti tal-ammonti, inkluz il-*payslip* hawn anessa u mmarkata bhala **Dok C**;

Illi l-intimat minkejja li gie nterpellat sabiex ihallas l-ammont dovut baqghu inadempjenti;

Illi l-ammont mitlub huwa cert, likwidu u dovut u, fil-fehma tar-rikorrenti, l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjonijiet x'jissollevaw kontra t-talbiet rikorrenti;

Illi ghalekk huwa applikabbli ghal dawn il-proceduri d-dispozizzjonijiet ghad-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artiklu 167 et. Seq tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.

għaddew biex jitolbu lil din il-Qorti jogħġobha, prevja kwalunkwe dikjarazzjoni:

1. Taqta' u tiddeciedi din it-talba tal-atturi nomine bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-artikolu 167 ta' Kap 12. Tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara lill-bastiment konvenut huwa debitur tar-rikorrenti fl-ammonti komplessivi ta' tletin elf, tmien mija u wieħed u tletin dollaru Amerikan u seba' u sittin centezmu (USD30,831.67) (ekwivalenti ghal seba' u għoxrin elf u tmienja u tmenin Ewro u hamsa u erbghin ċenteżmu (€27,088.45).jew somma verjuri), erba' mija sitta u erbgħin ewro (€446) u mija u tmienja u erbgħin lira Sterlina (£148) (ekwivalenti ghal mija u sebgħa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€167.87) jew somma verjuri)

rapprezentanti salarju, rimborsi u beneficcji ohra u dan kif jirrizulta ahjar f' **Dok C** hawn anness, u konsegwentement;

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lir-rikorrenti s-somma komplessiva ta' ta' tletin elf, tmien mija u wieħed u tletin dollaru Amerikan u seba' u sittin centezmu (USD30,831.67) (ekwivalenti ghal seba' u għoxrin elf u tmienja u tmenin Ewro u hamsa u erbghin ċenteżmu (€27,088.45).jew somma verjuri), erba' mija sitta u erbgħin ewro (€446) u mija u tmienja u erbgħin lira Sterlina (£148) (ekwivalenti ghal mija u sebgħa u sittin Ewro u sebgha u tmenin centezmu (€167.87) jew somma verjuri) li jammontaw ghall-valur totali ta' sebgha u ghoxrin elf, seba mija u zewg ewro u tnejn u tletin centezmu (€27,702.32).

4. Bl-ispejjez u bl-interessi kummercjali skont il-ligi sad-data tal-hlas effettiv kontra l-intimati li huma minn issa stess ingunti in subizzjoni.

2. Rat id-dikriet mogħti minnha fl-10 ta' Novembru 2023[1], li bih ordnat, fost ħwejjeġ oħra, li l-kawża għandha tkompli tinstema' bil-proċedura ordinarja;

3. Rat ir-risposta ġuramentata preżentata mil-kuraturi deputati fl-24 ta' Jannar 2024[2], li biha huma wieġbu hekk:

> Illi jinħtieġ li l-atturi jġibu l-aqwa prova in sostenn tal-fatti minnhom dikjarati fir-Rikors Ġuramentat promotur, inkluż li l-ammonti reklamati huma korretti u tassew dovuti;
>
> Illi f'dan l-istadju, l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rappreżentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti jipprovdulhom kull informazzjoni li jista' għandhom dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati, u dan jekk għandhom informazzjoni oħra, oltre dik diġà provduta fir-rikors ġuramentat;
>
> Illi l-atturi għandhom jipprovdu lill-esponenti b'kull dettalji u informazzjoni li jista' jkollhom dwar il-Bastiment konvenut sabiex ikun jista' jsir kuntatt;
>
> Salvi jekk ikun il-każ, eċċezzjonijiet ulterjuri.

[1] Fol.178.
[2] Fol.205.

4. Semgħet ix-xhieda prodotti quddiemha;

5. Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

6. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex tiġi deċiża;

Ikkunsidrat:

7. Illi din hija kawża magħmula minn kaptan ta' bastiment kontra l-istess bastiment għal kanonizzazzjoni ta' kreditu dovut għal paga għax-xahar ta' Ġunju 2017, kif ukoll għar-rimbors ta' spejjeż minfuqa b'rabta ma' vjaġġar u akkomodazzjoni li l-kaptan attur jgħid għandhom jiġu nkorsi mill-prinċipal tiegħu.

8. Il-fatti rilevanti, kif jemerġu mill-provi skarni li tressqu matul is-smigħ ta' dawn il-proċeduri, huma dawn li ġejjin.

9. Il-bastiment konvenut ġie reġistrat Malta fl-1 t'Ottubru 2007[3]. Skont iċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni, sid il-bastiment hija l-kumpanija Force India Limited, li kellha wkoll indirizz f'Malta.

10. B'kuntratt tal-1 t'Ottubru 2013, il-kaptan attur ġie mpjegat mill-kumpanija Force India Limited, li kienet qed tiġi rappreżentata mill-kumpanija CMDE SK MONGIA. Skont dan il-kuntratt[4], l-attur Ehrlich ġie mpjegat bħala kaptan tal-bastiment konvenut għall-perijodu ta' tliet ġimgħat b'effett mill-1 t'Ottubru 2013. Wara d-dekors ta' dan it-terminu, il-ftehim kellu jibqa' jiġġedded sakemm jingħata avviż ta' terminazzjoni jew inkella sakemm ma sseħħx raġuni ta' terminazzjoni skont il-klawsola tlettax tal-ftehim. Is-salarju dovut lill-kaptan kellu jkun ta' ħdax-il elf u ħames mitt (11,500) dollaru Amerikan fix-xahar. Skont il-klawsola numerata erbgħa punt ħamsa (4.5) ta' dan il-ftehim, «*The Company agrees to reimburse the Employee for any and all necessary disbursements and usual expenses incurred by him/her in the proper performance of*

[3] Fol.8.
[4] Fol.9.

*his/her duties, including reasonable travel expenses incurred by him/her pursuant to the Company's instructions. Individual expenses (not spares or maintenance) in excess of Euros 140 shall be pre-cleared by the Employee with the Company. In all cases expenses shall be supported by receipts*»[5].

11. B'danakollu, fix-xiehda tiegħu il-Kaptan Ehrlich spjega li huwa beda jaħdem bħala kaptan tal-bastiment konvenut sa minn Mejju tas-sena elfejn u tlettax, u waqaf fit-3 ta' Lulju tal-istess sena[6]. Huwa spjega illi meta ġie ż-żmien li jieqaf mill-pożizzjoni tiegħu ta' kaptan, is-sid tal-bastiment ma kellhiex flus biżżejjed biex tħallas lil kulħadd. Hu xehed li l-membri l-oħra tal-ekwipaġġ tħallsu iżda hu baqa' ma tħallasx is-salarju tiegħu għax-xahar ta' Ġunju kif ukoll dak dovut lilu għal *leave* skont il-kuntratt.

12. Skont il-Kaptan attur, il-bastiment jinsab ġewwa *shipyard* ġewwa Southampton[7].

13. L-artikolu 742B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid hekk:

> Bla ħsara ta' fejn il-liġi espressament tiddisponi xort'oħra, il-qrati ċivili f'Malta għandhom ġurisdizzjoni *in rem* kontra vapuri jew bastimenti fit-talbiet marittimi li ġejjin:
> …
> (r) kull pretensjoni mill-kaptan, mill-uffiċjali, jew minn membru tal-ekwipaġġ, jew mill-ekwipaġġ ta' vapur, għas-salarji u flejjes oħra dovuti lilhom rigward l-impjieg tagħhom fuq il-vapur inklużi l-ispejjeż ta'rimpatrijazzjoni u kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali li jitħallsu f'isimhom;
>
> (s) kull pretensjoni magħmula mill-kaptan, mill-persuna li timbarka l-merkanzija, min-noleġġatur jew mill-aġent rigward infieq magħmul minnhom għall-vapur jew għas-sidien tiegħu;
> …

14. Din id-dispożizzjoni madanakollu trid tinqara flimkien mal-artikoli 742Ċ u 742D tal-Kodiċi preċitat. Il-pretensjoni tal-Kaptan attur fil-fatt hija waħda minn dawk kontemplati taħt l-artikolu 742D, u allura kienet perfettament deduċibbli kontra l-

[5] Fol.11.
[6] Ara x-xiehda tal-Kaptan Ehrlich, a fol.213.
[7] Ara x-xiehda tal-Kaptan Ehrlich, a tergo ta' fol.213.

bastiment konvenut, li mill-provi jirriżulta li kien il-proprjetà tal-kumpanija li magħha kkuntratta l-istess attur.

15. Stabbilita għalhekk il-ġurisdizzjoni *in rem* ta' din il-Qorti fil-konfront tal-bastiment konvenut, il-Qorti ssib, wara eżami tal-provi li nġiebu f'dawn l-atti, li l-pretensjoni tal-Kaptan attur għas-salarju tiegħu għax-xahar ta' Ġunju 2013 ġiet debitament ippruvata bil-ġurament tal-istess attur.

16. L-attur irid ukoll jitħallas tal-*leave* li huwa ma ħax. Dwar dan, il-kuntratt ta' mpjieg jgħid, fil-klawsola tmienja punt erbgħa (8.4): «*Holidays may not be carried forward from one year to the next. All paid annual leave must be taken in the year it accrues. There is also no provision to be made in lieu of untaken leave, except where paid annual leave has accrued but has not been taken at the date of termination of the employment*». Mill-provi mhux kontestati jirriżulta illi l-*leave* li dwaru qed jippretendi l-ħlas l-attur huwa proprju dak akkumulat u mhux meħud fiż-żmien meta ġie terminat l-impjieg tiegħu, u għalhekk tirriżulta ċ-ċirkostanza li skont il-kuntratt tiġġustifika ħlas minflok l-għoti tal-istess *leave*. Din il-pretensjoni tal-attur tidher ukoll li ġiet rikonoxxuta fid-dokument li ġie eżebit a fol.19 ta' dawn l-atti, u li jidher li huwa ffirmat mill-kumpanija li hija sid il-bastiment konvenut.

17. Il-Qorti madanakollu jkollha tasal għall-konklużjoni li l-attur ma ppruvax kif imiss il-pretensjoni tiegħu dwar ir-rimborż tal-ispejjeż ta' vjaġġar u akkomodazzjoni mitluba minnu. Għalkemm huwa eżebixxa dokumenti li juru dak l-infiq, meta xehed huwa m'għamel ebda riferenza għall-istess spejjeż u ma ta ebda spjegazzjoni sabiex jorbot dawn l-ispejjeż mal-impjieg tiegħu jew ma' xi struzzjonijiet li seta' rċieva mingħand il-prinċipal tiegħu. Lanqas ma ddikjara, bil-ġurament tiegħu, li dawn l-ispejjeż kienu approvati mill-prinċipal tiegħu, kif ġie kontrattwalment miftiehem li kellu jsir fejn tali spejjeż jissuperaw l-ammont ta' €140.

18. Bil-kemm hemm għalfejn wieħed jgħid li kull attur huwa fid-dmir li jagħti prova sħiħa dwar il-pretensjonijiet tiegħu. Prinċipju li jgħodd anki meta l-konvenut ikun kontumaċi, u wisq iktar allura meta ma jkunx, kif inhu l-każ odjern. Anzi, f'dan il-każ, il-kuraturi deputati bl-ewwel eċċezzjoni tagħhom għamluha ċara li riedu prova sħiħa tal-

pretensjoni li dwarha kien qed jintalab il-kanonizzazzjoni. U fl-assenza ta' dik il-prova, japplika l-prinċipju *actor non probante, reus absolvitur*.

19. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

(i) tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel talba tal-atturi nomine billi din ġiet sorvolata bid-dikriet tal-10 ta' Novembru 2023;

(ii) tilqa' t-tieni talba biss billi tiddikjara li l-bastiment konvenut huwa debitur tal-attur fl-ammont ta' sebgħa u għoxrin elf tmienja u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€27,088.45), iżda tiċħadha fil-kumplament tagħha;

(iii) tilqa' t-tielet talba biss billi tikkundanna lill-bastiment konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' sebgħa u għoxrin elf tmienja u tmenin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€27,088.45) bl-imgħaxijiet dekorribbli mill-5 t'Ottubru 2020 sal-jum tal-ħlas effettiv, iżda tiċħadha fil-kumplament tagħha;

(iv) tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-kuraturi deputati biss sa fejn hija kompatibbli ma' dak ikkunsidrat f'din is-sentenza;

(v) tordna lill-bastiment konvenut iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur